GVERN TA’ MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# EŻAMI GĦALL-INGAĠĠ TA’ SULDATI FIL-FORZI ARMATI TA’ MALTA

# SETTEMBRU 2026

**Suġġett:** **Malti**

**Data:** **9 ta’ Settembru 2026**

**Ħin:** **09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)**

**Struzzjonijiet lill-kandidati**

- **Dan l-eżami jikkonsisti minn TLIET taqsimiet: A, B u Ċ. Aqra sew kull silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA f’kull taqsima (hemm 50 mistoqsija b’kollox).**
- **Kull mistoqsija għandha erba’ tweġibiet possibbli, imma WAĦDA biss hija korretta.**
- **Niżżel it-tweġibiet fuq l-*Answer Sheet* ipprovduta. Immarka BISS it-tweġiba t-tajba. It-tweġiba finali tiegħek trid tkun immarkata b’linka blu jew sewda. eż. jekk tagħżel it-tweġiba C, imla ċ-ċirku t-tajjeb kif jidher hawn taħt.**




- **Kull mistoqsija fiha żewġ (2) marki.**

**Taqsima A: Aqra sewwa t-test li għandek hawn taħt u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

**Tipi ta' vapuri li nsibu fl-ibħra Maltin**



**Vapuri tal-Merkanzija**

Dawn il-vapuri kbar huma responsabbli għall-ġarr tal-biċċa l-kbira tal-oġġetti li nużaw ta' kuljum, bħal ħwejjeġ u ikel minn pajjiżi oħra. Ħafna drabi jkunu stivati għoljin bil-kontejners, li huma bħal kaxxi tal-metall ġganteski mimlija bil-prodotti.

**Superyachts**

Dawn il-jottijiet lussużi huma bħal vilel kbar fuq wiċċ l-ilma! Bil-pixxini, il-helipads u kulma tista' timmaġina, is-superyachts spiss narawhom fil-portijiet ta' Malta.





**Ferries**

Dawn huma vapuri iżgħar iddisinjati biex iġorru l-passiġġieri minn post għal ieħor f'distanzi qosra. F'Malta nsibu l-Gozo Ferry, li nużawh biex immorru minn u lejn il-gżira Għawdxija.

**Sottomarini**

Dawn huma vapuri li jistgħu jivvjaġġaw taħt l-ilma u jesploraw il-baħar fond jew jgħinu jiġu mħarsa l-pajjiżi.





**Cruise Liners**

Dawn huma prattikament bħal lukandi li jżommu f'wiċċ l-ilma u jġorru eluf ta' passiġġieri madwar id-dinja. Dawn għandhom pixxini, ristoranti u saħansitra teatri abbord.

**Patrol Boats**

Il-Forzi Armati ta' Malta jużaw dawn il-bastimenti biex iżommu l-ibħra tagħna sikuri. Huma jgħinu f'missjonijiet ta' salvataġġ u anki jaraw li l-baħħara jsegwu r-regoli marittimi. Il-patrol boats jiġu f'qisien varji; jistgħu jkunu laneċ żgħar imma anki vapuri. Pereżempju waħda mill-ikbar patrol boats tal-Forzi Armati hija l-P71.






**Laneċ tal-irmonk**

Jew kif nafuhom ukoll, it-tug boats. Dawn il-bastimenti, li jkunu ta' qisien differenti, jgħinu biex jiggwidaw vapuri kbar lejn u 'l barra mill-portijiet billi jiġbduhom jew jimbuttawhom. Mingħajr il-laneċ tal-irmonk, il-bastimenti l-kbar ma jkunux jistgħu jidħlu b'mod sikur max-xatt!

## Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont dak li qrajt fis-silta:

1. Din is-silta titqies bħala waħda
a) reliġjuża.
b) politika.
ċ) informattiva.
d) sportiva.

2. Hija tittratta mezzi ta' trasport
a) moderni ta' fuq il-baħar.
b) antiki li kienu jintużaw fuq il-baħar.
ċ) li jintużaw biex nivvjaġġaw fuq l-art.
d) li jintużaw biss barra minn Malta.

3. L-ekonomija tal-pajjiż tiddependi ħafna fuq
a) is-sottomarini.
b) il-patrol boats.
ċ) il-bastimenti tal-merkanzija.
d) is-superyachts.

4. Il-vapuri tal-merkanzija jġorru lejn Malta
a) bosta turisti minn kullimkien.
b) nies li jixtiequ jitilqu jew jidħlu Malta.
ċ) l-armi kollha li jużaw il-Forzi Armati ta' Malta.
d) kaxxi enormi bl-affarijiet meħtieġa għall-għajxien tagħna.

5. L-aktar opra personali ta' lussu minn dawn kollha hija
a) s-superyachts.
b) l-patrol boats.
ċ) l-ferries.
d) l-cruise liners.

6. Fis-silta, is-superyachts jitqabblu ma'
a) belt kbira fuq il-baħar.
b) villa lussuża fuq l-ilma.
ċ) fortizza armata li tinġarr fuq l-ilma.
d) pixxina kbira u kulma teħtieġ magħha.

7) L-ikbar vantaġġ li joffri l-ivvjaġġar bil-ferries huwa:
a) jitgħabbew ħafna nies fi vjaġġ wieħed.
b) jifilħu għal baħar qawwi u maltemp.
ċ) ma jħammġux l-arja għax jaħdmu bix-xemx.
d) iġorru n-nies malajr f'distanzi qosra.

8. Bis-saħħa tas-sottomarini, barra li titħares is-sigurtà nazzjonali, l-Awtoritajiet
a) jidħlu f'ibħra ta' pajjiżi oħra bla permess.
b) idaħħlu bil-moħbi armi jew materjal sigriet.
ċ) iqabbdu xjenzati jistudjaw il-ħajja f'baħar fond ħafna.
d) iħaffru qiegħ il-baħar għall-minerali bla ma jinduna ħadd.

9) Il-patrol boats jgħinu lill-pajjiż biex, fost l-oħrajn,
a) tiddaħħal il-merkanzija perikoluża fil-pajjiż.
b) isiru tfittxijiet ta' salvataġġ għal nies mitlufa fuq il-baħar.
ċ) jgħinu lis-sajjieda jdaħħlu l-qabda tagħhom malajr l-art.
d) iħarsu x-xbieki tal-fish farms mill-ħallelin.

10) Vapuri kbar bħall-cruise liners jidħlu fil-Port il-Kbir
a) imħarsa mill-patrol boats.
b) akkumpanjati mis-superyachts.
ċ) waħidhom bla għajnuna ta' ħadd.
d) miġbuda mil-laneċ tal-irmonk.

11) L-aġġettiv **'ġganteski'** fil-frażi 'kaxxi ġganteski' jfisser li
a) l-kaxxi huma qodma daqs żmien il-ġganti.
b) l-kaxxi huma kbar ħafna u jesgħu bil-bosta.
ċ) fuq il-kaxxi hemm stampi u ittri kbar ħafna.
d) huma kaxxi li jintużaw biss għall-ġarr ta' affarijiet goffi.

12) Il-plural tal-kelma **'Għawdxija'** hija
a) Għawdxin.
b) Għawċin.
ċ) Għawxin.
d) Għawdxijin.

13) L-għerq tal-verb '**jżommu**' huwa
a) Ż-M-M.
b) J-Ż-M.
ċ) J-Ż-M-M.
d) Ż-M.

14) Frażi oħra li tfisser l-istess bħal **'iżommu l-ibħra sikuri '** hija li
a) jżommu l-baħar nadif u bla skart li jniġġes.
b) jikkontrollaw il-qabdiet tas-sajjieda.
ċ) jgħassu l-ibħra mill-għadu u l-perikli kollha.
d) ma jħallux lin-nies jgħumu kullimkien.

15) Liema huwa l-verb fil-frażi **'Jew kif nafuhom ukoll'**?
a) jew.
b) kif.
ċ) nafu(hom).
d) ukoll.

**15-il mistoqsija x 2 marki = 30 marki**

**TAQSIMA B: Aqra s-silta u wara wieġeb l-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:**

## L-Istorja tal-Forzi Armati ta' Malta

L-istorja tal-forzi militari Maltin hija waħda twila u interessanti li tirrifletti l-pożizzjoni strateġika ta' Malta fil-qalba tal-Baħar Mediterran. Minħabba l-pożizzjoni tagħha, Malta dejjem kienet mira ta' potenzi barranin u għalhekk id-difiża tal-gżejjer kienet essenzjali għas-sopravivenza tal-popolazzjoni.

Matul il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann bejn l-1530 u l-1798, il-Kavallieri investew ħafna fil-fortifikazzjonijiet u fit-taħriġ militari. Wara l-Assedju l-Kbir tal-1565, meta l-forzi Ottomani ppruvaw jaħtfu lil Malta, il-Kavallieri bnew sistema estensiva ta' swar, fortizzi u torrijiet kostali. Fl-istess żmien ġiet organizzata l-Milizja Maltija, magħmula minn ċittadini li kienu jissejħu biex jiddefendu l-pajjiż fi żmien ta' gwerra.

Meta l-Ingliżi ħadu l-kontroll ta' Malta fl-1800, il-gżejjer saru bażi navali ewlenija tal-Imperu Brittaniku. Matul is-seklu dsatax ġew iffurmati diversi unitajiet militari lokali. Waħda mill-aktar importanti kienet ir-Royal Malta Artillery (RMA), korp magħmul minn suldati Maltin li kien responsabbli mid-difiża tal-portijiet u l-fortizzi tal-pajjiż. Il-membri tal-RMA kienu magħrufa għad-dixxiplina u l-professjonalità tagħhom.

Ir-rwol tal-forzi Maltin sar aktar importanti waqt it-Tieni Gwerra Dinjija (1939–1945). Malta kienet waħda mill-aktar postijiet ibbumbardjati fid-dinja minħabba l-importanza strateġika tagħha. Is-suldati tar-Royal Malta Artillery ħadmu bla waqfien biex joperaw il-kanuni kontra l-ajruplani Taljani u Ġermaniżi. Flimkien ma' forzi Brittaniċi oħra, huma għenu biex il-gżejjer jibqgħu taħt kontroll Alleat minkejja nuqqasijiet serji ta' ikel u provvisti. Fl-1942, bħala rikonoxximent għall-kuraġġ tal-poplu Malti, ir-Re Ġorġ VI ta l-George Cross lill-pajjiż kollu.

Wara l-Indipendenza fl-1964, Malta bdiet tibni l-kapaċitajiet tagħha ta' difiża nazzjonali. Fl-1970 twaqqfu uffiċjalment il-Forzi Armati ta' Malta (AFM), li ħadu post il-formazzjonijiet kolonjali preċedenti. Matul is-snin sebgħin u tmenin, l-AFM għaddiet minn diversi riformi u bdiet tiffoka aktar fuq il-ħarsien tal-fruntieri u l-ilmijiet territorjali.

Illum, il-Forzi Armati ta' Malta għandhom irwol ferm usa' minn dak tradizzjonalment militari. Huma responsabbli mis-sorveljanza marittima, il-ġlieda kontra t-traffikar illegali, operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ fuq il-baħar, il-protezzjoni tal-fruntieri u l-assistenza

waqt emerġenzi nazzjonali. Il-Forza hija magħmula minn komponenti tal-art, tal-ajru u tal-baħar li jaħdmu flimkien biex jiggarantixxu s-sigurtà tal-pajjiż.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont dak li qrajt fis-silta:**

16. Potenzi barranin dejjem riedu jaħkmu lil Malta minħabba
    a) l-qagħda geografika tagħha.
    b) l-ġid naturali li fiha.
    ċ) l-fortizzi qawwija li għandha.
    d) l-baħar sabiħ li jdawwarha.

17. Il-Kavallieri ta' San Ġwann ħadmu ħafna
    a) u saħħew l-ekonomija u t-turiżmu lokali.
    b) fil-bini ta' vapuri militari u s-sigurtà fuq il-baħar.
    ċ) billi bnew swar sodi u ħarrġu sewwa lis-suldati.
    d) biex żejnu lil Malta b'palazzi kbar u sbieħ.

18. Il-Milizja Maltija kienet magħmula minn
    a) suldati esperti mill-Ewropa.
    b) Kavallieri Maltin biss.
    ċ) irġiel anzjani li kienu kaċċaturi.
    d) Maltin li lesti jiddefendu lil pajjiżhom.

19. Is-sena 1800 hija importanti fl-istorja ta' pajjiżna għax
    a) spiċċat it-tieni gwerra dinjija.
    b) Malta għaddiet f'idejn l-Ingliżi.
    ċ) il-Kavallieri waqqfu l-Royal Malta Artillery.
    d) il-forzi Ottomani ppruvaw jaħtfu lil Malta.

20. Fil-gwerra tal-1939-45, l-RMA kienet responsabbli
    a) mill-bastimenti tal-gwerra fil-Port il-Kbir.
    b) mid-difiża tal-ajruport.
    ċ) mit-tqassim tal-ikel lin-nies tal-Belt.
    d) tad-difiża tal-portijiet u l-fortizzi tal-pajjiż.

21. Ir-Re Ġorġ VI huwa marbut ma' pajjiżna għax
    a) żarna kemm-il darba.
    b) tana l-George Cross.
    ċ) tana l-Indipendenza.
    d) bagħtilna l-ikel waqt l-għaks tal-gwerra.

22. Il-Forzi Armati ta' Malta twaqqfu uffiċjalment fl-
    a) 1798.
    b) 1939.
    ċ) 1945.
    d) 1970.

23. Wara li saru diversi bidliet, l-AFM kienet inkarigata li tieħu ħsieb
   a) il-fruntieri u l-ibħra territorjali Maltin.
   b) iżżomm il-paċi fil-gwerer li jinqalgħu fil-Mediterran.
   ċ) il-ġbir tat-taxxi fil-pajjiż.
   d) is-sigurtà tal-President u l-Parlamentari Maltin.

24. Il-frażi 'irwol ferm usa' minn dak tradizzjonalment militari tfisser li l-AFM
   a) xogħolhom huwa biss li jiġġieldu fil-gwerer.
   b) tieħu ħsieb ħafna aktar affarijiet minn armata normali.
   ċ) ħdejn l-armati ta' pajjiżi oħra, hija m'għandhiex wisq x'tagħmel.
   d) għandha xogħol ftit li xejn x'tagħmel fil-pajjiż .

25. Din is-silta tista' titqies bħala waħda
   a) mistħajla.
   b) reliġjuża.
   ċ) storika.
   d) filosofika.

26. Iz-zokk morfemiku ta' 'interessanti' huwa
   a) inter.
   b) interess.
   ċ) interessa.
   d) interessanti.

27. Minn 'torri' nagħmlu 'torrijiet' u minn 'pożizzjoni' nagħmlu
   a) pożizzjonijiet
   b) poziżżjonijiet
   ċ) pożizjonijit
   d) pożżizzjonijiet

28. Kelma oħra għal 'preċedenti' u li tfisser l-istess hija
   a) simili.
   b) ugwali.
   ċ) qabel.
   d) wara.

29. Is-superlattiv ta' 'twil' huwa
   a) Itwal.
   b) twil ħafna.
   ċ) ħafna twil.
   d) l-itwal.

30. Fil-frażi 'il-Kavallieri investew', il-kelma 'investew' titqies bħala
   a) verb.
   b) nom.
   ċ) aġġettiv.
   d) parteċipju.

**15-il mistoqsija x 2 marki = 30 marka**

**TAQSIMA Ċ: Aqra s-silta u wara wieġeb l-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:**

## ID-DRONES FL-OPERAZZJONIJIET MILITARI

Id-drones militari saru parti importanti ħafna mill-operazzjonijiet moderni tal-gwerra, u bidlu kompletament il-mod kif il-pajjiżi jwettqu sorveljanza u attakki. Drone, magħruf ukoll bħala vettura tal-ajru mingħajr pilota (UAV), huwa ajruplan li jopera mingħajr ma jkun hemm bdot abbord, u jista' jiġi kkontrollat mill-bogħod jew jopera b'mod awtomatiku permezz ta' sistemi ta' intelliġenza artifiċjali.

Wieħed mill-akbar vantaġġi tad-drones militari huwa li jnaqqsu r-riskju għall-ħajja tal-bdoti u s-suldati. Peress li dawn il-magni jistgħu jintbagħtu f'żoni perikolużi mingħajr preżenza umana diretta, il-militar jista' jiġbor informazzjoni importanti jew iwettaq attakki mingħajr ma jpoġġi lil niesu f'periklu immedjat. Barra minn hekk, id-drones huma kapaċi jibqgħu fl-arja għal perjodi twal ta' żmien, xi drabi saħansitra sigħat jew jiem, u dan jagħmilhom ideali għas-sorveljanza kontinwa.

Madankollu, minkejja dawn il-benefiċċji, hemm diversi kontroversji marbuta mal-użu tad-drones militari. Waħda mill-akbar kritiki hija relatata mal-kwistjoni tal-etika u l-liġi internazzjonali. Attakki b'drones kultant iwasslu għal vittmi ċivili, speċjalment meta l-informazzjoni dwar il-mira ma tkunx preċiża. Dan iqajjem mistoqsijiet serji dwar jekk huwiex ġust li tintuża teknoloġija bħal din f'ambjenti fejn hemm popolazzjoni ċivili.

Barra minn hekk, l-użu tad-drones jista' jnaqqas il-limitu psikoloġiku għall-bidu ta' kunflitti militari. Peress li l-pajjiżi jistgħu jwettqu attakki mingħajr ma jpoġġu lis-suldati tagħhom f'riskju dirett, jista' jkun aktar faċli għalihom jieħdu deċiżjoni biex jużaw il-forza. Dan jista' jwassal għal eskalazzjoni ta' tensjonijiet internazzjonali.

Aspett ieħor importanti huwa t-teknoloġija li qed tkompli tiżviluppa b'rata mgħaġġla. Id-drones qed isiru dejjem aktar sofistikati, b'kapaċitajiet aħjar ta' navigazzjoni, identifikazzjoni ta' miri, u anke teħid ta' deċiżjonijiet awtonomi. Dan iqajjem tħassib dwar il-futur tal-gwerra u jekk sistemi kompletament awtonomi jistgħux jieħdu deċiżjonijiet dwar il-ħajja u l-mewt mingħajr intervent uman.

Fl-aħħar nett, id-drones militari huma għodda qawwija li toffri vantaġġi strateġiċi sinifikanti, iżda fl-istess ħin toħloq sfidi serji fuq livell etiku, legali u politiku. Huwa essenzjali li l-komunità internazzjonali tkompli tiddiskuti u tirregola l-użu tagħhom biex jiġi żgurat li din it-teknoloġija tintuża b'mod responsabbli u ġust. Barra minn hekk, illum id-drones militari qed jintużaw mhux biss f'kunflitti militari iżda wkoll f'operazzjonijiet oħra bħal salvataġġ,

moniteraġġ tal-fruntieri, u anke għajnuna umanitarja f'żoni diffiċli biex jintlaħqu. Dan juri li, minkejja l-assoċjazzjoni tagħhom mal-gwerra, jistgħu jkollhom użu differenti u pożittiv ukoll.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont dak li qrajt fis-silta:**

31. X'inhu drone militari?
    a) Bastiment tal-baħar.
    b) Ajruplan mingħajr pilota abbord.
    ċ) Karozza armata.
    d) Satellita.

32. B'liema temp hija miktuba din is-sentenza: "Peress li dawn il-magni jistgħu jintbagħtu f'żoni perikolużi..."?
    a) Imperfett.
    b) Perfett.
    ċ) Futur.
    d) Imperattiv.

33. Kif jiġu kkontrollati d-drones?
    a) Manwalment fuq il-post biss.
    b) Mis-satelliti biss.
    ċ) Mill-bogħod u b'mod awtomatiku.
    d) Minn pilota abbord biss.

34. X'inhu l-vantaġġ ewlieni tad-drones militari?
    a) Ma jiswewx ħafna flus.
    b) Jiġru ħafna.
    ċ) Huwa faċli biex tagħmilhom.
    d) Inaqqsu mill-imwiet tas-suldati.

35. Fejn l-aktar li jintbagħtu d-drones?
    a) Fl-ibliet.
    b) Fl-ajruporti.
    ċ) F'żoni perikolużi.
    d) F'żoni turistiċi.

36. Skont is-silta, x'jistgħu jagħmlu d-drones minbarra li jattakkaw?
    a) Jibnu apparat militari.
    b) Jiġbru l-informazzjoni mitluba.
    ċ) Jistaħbew.
    d) Jikkuraw lis-suldati.

37. Għaliex id-drones huma tajbin għas-sorveljanza?
    a) Jistgħu jibqgħu fl-arja għal żmien twil.
    b) Ma jintfew qatt.
    ċ) Ikunu ċari ħafna.
    d) Isegwu lin-nies.

38. Kritika ewlenija fuq id-drones hija li:
   a) Mhumiex irħas.
   b) Ma jintużawx.
   ċ) Huma relattivament ġodda.
   d) Jistgħu jikkawżaw vittmi ċivili.

39. X'inhu l-plural sħiħ ta' '**magna**'?
   a) Magni.
   b) Makkinarji.
   ċ) Magnijiet.
   d) Makni.

40. Skont is-silta, liema kwistjoni qiegħda tiġi diskussa dwar id-drones?
   a) Il-prezz.
   b) L-infrastruttura.
   ċ) L-etika u l-liġi internazzjonali.
   d) Il-ħsarat.

41. X'effett jista' jkollu l-użu tad-drones fuq il-gwerra?
   a) Inaqqas il-kunflitti.
   b) Jagħmilha aktar diffiċli tibda gwerra.
   ċ) Jagħmilha aktar faċli tibda gwerra.
   d) Jelimina għal kollox il-gwerra.

42. Skont is-silta, għaliex jista' jkun aktar faċli li tibda kunflitt?
   a) M'hemmx riskju dirett għas-suldati.
   b) Hemm inqas teknoloġija involuta.
   ċ) Ikollok aktar flus biex tixtri armamenti.
   d) Is-suldati jkunu aktar ippreparati.

43. Liema huwa l-aġġettiv f'din is-sentenza "Dan jista' jwassal għal eskalazzjoni ta' tensjonijiet internazzjonali"?
   a) eskalazzjoni.
   b) tensjonijiet.
   ċ) internazzjonali.
   d) jista'.

44. Kif qed jiżviluppaw id-drones?
   a) Qed isiru aktar sempliċi.
   b) Qed jisparixxu.
   ċ) Qed jitnaqqsu.
   d) Qed isiru aktar sofistikati.

45. X'kapaċitajiet qed jitjiebu fil-manifattura tad-drones?
   a) In-navigazzjoni u l-forma.
   b) In-navigazzjoni u l-identifikazzjoni tal-miri.
   ċ) L-identifikazzjoni tal-miri u l-piż.
   d) Il-piż u l-forma.

46. Nom tal-aġent minn *navigazzjoni* huwa:
   a) navigatur.
   b) navi.
   ċ) azzjoni.
   d) navigazzjonijiet.

47. L-għerq ta' *jintlaħqu* huwa
   a) L-Ħ-Q.
   b) N-Ħ-Q.
   ċ) N-T-L-Ħ-Q.
   d) Ħ-L-Q.

48. X'għandha tagħmel il-komunità internazzjonali?
   a) Tinjora d-drones.
   b) Tiddiskuti u tirregola l-użu tagħhom.
   ċ) Twaqqaf l-użu tad-drones.
   d) Tibni aktar drones.

49. F'liema operazzjonijiet oħra jintużaw id-drones?
   a) Fil-logħob tal-futbol u tat-tennis.
   b) Fis-salvataġġ u l-logħob tal-futbol.
   ċ) Fl-għajnuna umanitarja u fil-logħob tat-tennis.
   d) Fis-salvataġġ u l-għajnuna umanitarja.

50. X'konklużjoni nistgħu nieħdu mill-użu tad-drones?
   a) Li huma inutli.
   b) Li huma biss għall-gwerra.
   ċ) Li jista' jkollhom użi pożittivi wkoll.
   d) Li huma perikolużi.

**(20 mistoqsija x 2 marki = 40 marka)**

# TMIEM IL-KARTA